PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

25 ta' Ġunju, 2023

# IL-FESTA T-TAJBA!

Qegħdin fl-aħħar jiem taċ-ċelebrazzjonijiet f'ġieħ San Pietru u San Pawl. F'dan is-Sibt li fih tirċievu l-bulletin hemm il-quddiesa għall-morda u l-anzjani fid-9:00am. F'dan is-Sibt ukoll, fis-7:00pm hemm il-quddiesa għall-adolexxenti u għaż-żgħażagħ. F'dan il-Ħadd 25 ta' Ġunju hemm il-quddiesa għat-tfal fid-9:30am u mbagħad wara jkun hemm il-manifestazzjoni għat-tfal. It-Tnejn 26 tax-xahar fis-7:00pm se jkollna l-quddiesa tal-familja. Din is-sena se jkun hemm fuq għoxrin koppja li aċċettaw li jkunu preżenti biex jirringrazzjaw lil Alla għall-25 jew 50 sena miżżewġin. Xi grazzja kbira!



Minn qalbi nixtieq il-festa t-tajba lil kulħadd. Il-festa tkun kbira jew żgħira, skont kemm tkun ġiet u tħalli xi ħaġa ta' sugu fil-qalb tagħna. Il-festa għandha tiġi biex ikollna l-ferħ, dak il-ferħ li ma jeħodhulna ħadd, minkejja xi ntoppi li niltaqgħu magħhom. San Pietru u San Pawl kellhom ħajja mimlija ħidma u vjaġġi jxandru lil Kristu u jgħaddu dak li Hu għadda lilhom, fil-qlub tan-nies ta' żmienhom.

Infakkarkom fil-mumenti importanti tal-QRAR, nhar it-Tlieta u l-Erbgħa 27 u 28 ta' Ġunju. Fis-27 ta' Ġunju se jkun hemm servizz ta' qrar: mis-6:00am sal-10:00am u mill-4:30pm sat-8:00pm. Imbagħad l-Erbgħa 28 ta' Ġunju jkun hemm saċerdoti jqarri mill-5:00am sad-9:00am u mill-5:30pm sas-7:30pm.

Minn hawn nixtieq nirringazzja lil kull min ħadem għall-festa biex din tkun mument ta' ferħ u qdusija għal kulħadd.

*Il-festa t-tajba lil kulħadd!*

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**L-AVVIŻI:**

**ĠABRA GĦALL-PEDESTALL:** Ngħarrfukom li għall-pedestall ingħataw dawn l-offerti: il-benefattriċi N.N. tat €15,000; il-Ministeru għal Għawdex ta €10,000; il-familja N.N. tat €500; mill-envelopes €5,394.70; ġabra fil-ħruġ tal-istatwa €2,112. Grazzi kbira lil kull min ta sehmu. Dawk li jixtiequ jgħinu biex nigbru s-somma meħtieġa, jistgħu jħallu l-offerta tagħhom fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**L-ILBIESI TAL-PRAĊETT U L-GRIŻMA TAL-ISQOF:** Nixtiequ nfakkru lil dawk il-ġenituri li għadhom ma rritornawx il-libsa tal-Ewwel Tqarbina u/jew tal-Griżma tal-Isqof biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli. Tistgħu tgħaddu biha l-Uffiċċju Parrokkjali fil-ħinijiet tas-soltu.

**TAGĦLIM EKOLOĠIKU:** Minn Settembru 2025 'il quddiem fl-iskejjel sekondarji fl-Ingilterra se joffru suġġett ġdid l-Istorja Naturali. Is-sillabu se jkun jinkludi tagħrif dwar l-ismijiet tal-għasafar, l-annimali u tal-pjanti Ingliżi. Biex inħarsu l-ħolqien li tana Alla, irridu nkunu nafu xi ħaġa fuq dak li fuqu nitkellmu.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am